ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
25 MAR 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

| | |
|---|---|
| Numru tal-applikazzjoni: | PA/06588/21 |
| Natura tal-applikazzjoni: | Permess ta' żvilupp komplet |
| Appell: | Minn approvazzjoni tal-iżvilupp propost |
| Applikant: | Mario Cassar |
| Lokazzjoni: | Triq il-Fatati c/w, Triq il-Mimosa, Hamrun |
| Proposta: | Kostruzzjoni ta' ħanut (Klassi 4B) u installazzjoni ta' atm fil-pjan terran u 2 uffiċċji superstanti (Klassi 4A), 1 fl-ewwel u 1 it-tieni sular b'tqassim differenti minn dak approvat fil-permess PA/02818/19. L-applikazzjoni tikkonsisti wkoll fl-installazzjoni ta' sinjal. |

**Appell tar-*registered objector* John Seguna**

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar tal-25 ta' Frar 2022 u minnha qed jinterponi dan l-umli appell quddiem dan it-Tribunal a bbażi tal-Artikolu 11(e) tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap.551 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi l-aggravji tal-appellant huma fondati u jikkonsistu fis-segwenti:

***L-Ewwel Aggravju***

Illi preliminarjament, l-appellant jirreleva li l-pjanti tal-permess kif approvati mill-Kummissjoni tal-Ippjanar ma jħarsux id-drittijiet tat-*third party objector*, in kwantu li l-bini kif approvat ma jħallix id-distanzi rikjesti mill-liġi sabiex tiġi assigurata t-tgawdija tal-proprjeta', senjatament it-tieqa li tħares għal fuq l-iżvilupp propost, proprjeta' tal-appellant John Seguna.

***It-Tieni Aggravju***

Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi sollevat li l-istess permessi kif approvati jinibixxu t-tgawdija tal-introspezzjoni senjatament, arja u dawl, bi ksur ta' drittijiet tal-istess appellant.

***It-Tielet Aggravju***

Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-permess PA/06588/21 kif approvat ma jħarisx l-elementi tas-sigurta' rikjesti mill-liġi, kif ukoll mir-regoli tal-ippjanar, senjatament, in-nuqqas ta' ħruġ alternattiv f'każ ta' nar u n-nuqqas ta' ħrug komdu fil-każ ta' inċident. Għalhekk il-fond kif propost joħloq stat ta' perikolożita' għaliex m'għandux *alternative exit.*

***Ir-Raba' Aggravju***

Illi fir-raba' lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Kummissjoni tal-Ippjanar approvat l-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar 6588/21. Il-pjanti kif approvati jindikaw sporġenza tal-faċċata. F'dan il-każ, il-*projection* tal-faċċata tmur kontra Policy P43 tad-*Development Control Design Policy, Guidance and Standards (2015).* Speċifikament, P43 (e) peress li l-proprjeta' m'għandiex *front garden* u P43 (b) peress li l-*projection* tidher tqila u ma tikkomplimentax t-triq u l-*istreetscape* li jkun fadal.

***Il-Ħames Aggravju***

In oltre, l-permess PA/6588/21 inħareġ kontra Policy 51 tal-istess imsemmi DC 2015 li si tratta dwar *balcony projections*, u dan minħabba l-fatt li fir-rigward tal-*closed balconies*, m'hemmx *front garden* quddiem il-fond u l-*projection* tal-*closed balconies* toħroġ oltre mill-massimu tad-distanza permessa, dik ta' 0.6m mill-faċċata. Għalhekk l-Kummissjoni tal-Ippjanar ma mxietx mar-regolamenti imposti fuqha fil-proċess ta' applikazzjoni għal dan il-permess.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija l-esponent umilment jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal:**

1. Jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' dan il-permess PA/06588/21 sakemm jiġi deċiż dan l-appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u Ippjanar.

2. Jirrevoka u jiċħad il-permess PA/6588/21 u dan *in vista* li l-permess sureferit inħareġ bi ksur għad-drittijiet tal-appellant u bi ksur tal-*policies* tal-Kummissjoni tal-Ippjanar stess;

**Av. Elena Fenech**
**36, Triq l-Arċisqof**
**Valletta VLT1447**